VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 69

fl-Uffiċċju tal-Kunsill, **il-Erbgħa 5 ta' Diċembru, 2012 fl-12.00 (nofs in-nhar)**

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku Joseph Spiteri u l-Kunsillieri Valerie Borg, Vincent Farrugia, Peter Buontempo.
Raymond Azzopardi u Mario Camenzuli ma attendewx.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 68 li saret nhar **il-Ħamis 22 ta' Novembru, 2012**, kienu konfermati.

Chris Pullicino spjega l-evalwazzjoni li saret fuq it-tenders li nħargu:

- Tender Audio Visual ġew evalwati. It-tender ingħata lil Eagle Security.
- Tender Extensive patching ġie evalwat. It-Tender ingħata lil Rite Décor / Rite Mix – Gatt Brothers.
- Tender – Siege Bell. Ma ntefgħu l-edba offerta' għalhekk kien deċiz li biex jkun aktar faċli biex jinftiehem ser jinqas fi tlieta. Il-Kunsill qabel dwar dan.
- Infetħu l-offerti tan-niċeċ ta' San Pawl u San Gwann. Is-Segretarja nfurmat dwar konflitt ta' interess peress li waħda mill-kumpaniji li tefgħu l-offerta huma żijiet tagħha. Is-Sindku nforma li dawn ser ikun qed jitħallsu min skema iffinazjata mid-dipartiment tal-gvern lokali.
- Infetħu l-offerti tal-Magazine. L-irħas offerta kienet dik ta' Bonnici Press.
- Tindif (gbir ta' l-iskart) taż-żona residenzjali – L-Kunsill iddeċidea li peress li fir-risposti tiegħu l-kuntrattur li ntalab aktar informazzjoni ma kienx ċar Il-Kuntrattur ingħata 3 ittri ta' kjarifiki. Il-Kunsill iddeċida li jmur għal offerta' l-oħra dik ta' Waste Collection Limited.
- Gbir ta' skart – Skart għar-riċiklar. Saret evawazzjoni bejn iż-żewġ kumpaniji Green MT and Green Pak, li tawna żewġ proposti. Jidher li l-offerta tal-Green Pak kienet aktar vantagjuza. Peress li kien hemm xi mistoqsijiet ulterjuri ġie deċiż li għandhom jintbagħtu ittri ta' kjarifika. Wara sar qbil li tista tintagħżel l- kumpanija li ser tagħti l-aktar servizz vantagjuz.

1. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku nforma li f'Peacock Garden kien hemm bzonn li jsiru xi variations minħabba li nstabu xi 'casemates'. Il-Kunsill ġie preżentat b'lista ta' *Varations*. Il-Kunsill qabel bil-kambjamenti li jridu jsiru.

1.2 Is-Sindku nforma li l-parti ta' fuq ta' Triq San Pawl għandha tingħata wiċċ ġdid fit-tieni ġimgħa ta' Jannar. Qed jintalbu struzzjonijiet min għand Transport Malta biex jigi approvat traffic management plan. It-triq għandha tkun lesta f' 5 ijiem dejjem jekk kollox imur sew.

1.3 Is-Sindku informa li ix-xogħol fuq East street se jibda fil-bidu ta' Jannar.

1.4 Is-Sindku nforma li r-railings ser ikun lesti fil-Ġimgħa li gejja. Jidher li l-kummenti kienu pożittivi min naħħa tar-residenti.

1.5 Is-Sindku nforma li l-avukat tal- kunsill kiteb lil Avukat Generali biex naraw l-possibilita' li l-Kunsill jkun jista jibda juża l-uffiċini l-ġodda tal-Kunsill.

1.6 Is-Sindku nforma li għalkemm saret laqgħa mar-Regjun u l-Authorised Officer biex jesprimu d-diżappunt dwar is-servizz diżastruż li qed ituna jidher li xejn ma nbidel.

2. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku nforma l-Kunsill rċieva fondi għal Proġett tal-Youth in Action għal Democracy Project Action 1.3. Il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' 40,000 euro biex isir dan il-Progett. Dan il-Progett kien riżultat ta' Preparatory visit li saret fi Scala.

2.2 Is-Sindku nforma li l-Kunsill ser jagħti s-sehem tiegħu bħal kull sena fil-President Fun Run. Ser ikun hemm l-Banda King's Own u l-Valletta Ensemble. L-Banda La Valette ddeċidiet li din is-sena ma tieħux sehem. It-tindif għal din is-sena bħas-sena l-oħra ser jieħu ħsiebu l-Cleansing Department. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.3 Is-Sindku nforma li Kunsill ser japplika għal-Memo 38/2012 Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013. Ser isiru żewg applikazzjonijiet, waħda għal-Lejliet l-Ewwel tas-sena u l-oħra għal- Nights in the City. Il-Kunsill qabel dwar dan. Is-Sinkdu nforma li ser isiru attivitajiet għal perjodu tal-Milied mill-Gvern Centrali bejn il 15 u 24 ta' Diċembru 2012 u prezenta il-program

2.4 Is-Sindku nforma li Kunsill ser japplika għal Memo 45/2012 Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013. Ser issir applikazzjoni biex jiġi rrangat l-Main Guard. L-Ufficcju l-ġdid tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.5 Is-Sindku nforma li l-Kunsill kellu diskussjonijiet tar-Republic street Business Community dwar l-GO Mobile kiosk li s-soltu jintrama fiPjazza l-Assedju. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.6 Is-Sindku nforma li l-expression of interest ta' Landscape Architect ser jigu evalwati mill-konsulenti u ser isir rapport biex jigi preżentat waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

2.7 Is-Sindku nforma li ser ikun hawn il-European Film Awards u ta' id-dettalji

## 3. KORRISPONDEZA

3.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Arċipriet ta' San Pawl, fejn qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex l-Knisja Parrokkjali ssir aċċessibli. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Museum tas-Subien dwar l-Purċisjoni tal-Milied.

3.3 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-ħanut Angelica. It-talba ma gietx milqugħa peress li t-talba kienet ser taffetwa l-parking tar-residenti u tista tkun ta' periklu minhabba il-karozzi li jghaddu mit-triq.

3.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-MCC. Dan biex isir organizzar tal-Parking. Il-Proposta hi biex jkun hemm 123 parking spaces. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

3.5 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Major Mark Mallia mill-Ufficju tal-President. Dan irringrazzja lil Kunsill tas-sehem tiegħu fic-Charity fun run 2012.

**4. AMMINISTRAZZJONI**

4.1 Is-Seġretarja nfurmat li l-EU Affairs Officer Fabian Galea ingħata l-opporunita li jaħdem Għawdex għalhekk id-dipartiment propona li Elaine Caruana tingħata l- kariga peress li għandha diga esperjenza fil-Kunsill tal-Belt u hija Uffiċjal Publiku. Peress li Elaine Caruana ser tibda titħallas mid-dipartiment, il-Kunsill qabel li għandha tingħata differenza fil-paga bejn scala 15 u scala 11 biex tkun tirrifletti x-xogħol li ser tkun qed taghmel. F-istess ħin toħrog sejħa għal Clerk scala 15 biex jimtela l-post vaċant. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.2 Is-Segretarja nfurmat l-kunsill kien ser japplika għal fondi Sportivi sabiex għaqdiet differenti jkunu jistgħu igawdu minnhom.

4.3 Is-Seġretarja nfurmat li peress li din is-sena mhux ser isir l-homework club ser jingħata l-opportunita' lit-tfal biex jattendu drama classes. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.4 Is-Seġretarja nfurmat dwar diversi talbiet min kunsillieri biex isiru lampi ġodda. Spjegat il-proċess minħabba li peress li huwa wieħed ikkumplikat jieħu żmien.

**TMIEM**

Fis-14.00pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar it-Tlieta 8 ta' Jannar 2013 17.00hrs. Sar ukoll qabil li l-laqgħa ma tibqax issir daqshekk tard fuq talba tal-Kunsillier Peter Buontempo. Il-Kunsill qabel dwar dan.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku